



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.2.2023
COM(2023) 60 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni ġusta fl-2022, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE)
2021/1229**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fl-2022, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/1229

1. INTRODUZZJONI U GĦAN TA' DAN IR-RAPPORT

F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea u c-ċittadini tagħha¹, filwaqt li fakkret fl-impenn tal-Kummissjoni li tindirizza l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u tiddeskrivi l-ħtieġa għal tranżizzjoni mwettqa b'mod ġust u inklużiv. F'Jannar 2020, il-Kummissjoni spjegat Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta bħala parti mill-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew², biex tiżgura li ħadd u l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. L-ġhan primarju tal-mekkaniżmu huwa li jipprovdi appoġġ lir-reġjuni u lin-nies l-aktar milquta ħażin u li jgħinhom itaffu l-ispejjeż soċċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jikkonsisti fi tliet pilastri: l-ewwel pilastru huwa l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, it-tieni pilastru huwa skema ddedikata taħt il-Programm InvestEU, filwaqt li t-tielet pilastru huwa l-faċilità ta' self għas-settur pubbliku (il-Faċilità).

Taħt il-Faċilità, is-self (iprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala sieħeb finanzjarju) se jiġi kkombinat ma' għotjet (iprovduti mill-Unjoni) biex jiġu appoġġati l-entitajiet tas-settur pubbliku b'rīzorsi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

Il-Faċilità se tappoġġja proġetti li ma jiġi generawx fluss suffiċjenti ta' dħul biex ikopru l-kostijiet tal-investiment tagħihom u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp tat-territorji identifikati fil-Pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta³. L-investimenti appoġġati sejkopru firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet ta' żvilupp, mill-infrastruttura tal-enerġija u tat-transport, in-networks tat-tiġi distrettwali, l-effiċċenza enerġetika, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, it-taħriġ u l-infrastruttura soċjali, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali.

1.1. Qafas legali u baġitarju tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

Il-Faċilità kienet stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2021 Dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament PSLF").

Ir-Regolament PSLF jipprovdi baġit massimu totali ta' EUR 1 525 miljun ta' appoġġ tal-Unjoni għall-komponent tal-ġhotja tal-Faċilità (inklużi l-assistenza teknika u l-appoġġ konsultattiv).

Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment se jipprovdi sa EUR 10 biljun għall-komponent tas-self tal-Faċilità.

1.2. L-ambitu tar-rapport ta' implementazzjoni tal-2022

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew – COM(2019)640 final, 11.12.2019.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew – COM(2020) 21 final, 14.1.2020.

³ Kif definit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament PSLF, "sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena kalendarja, li tibda mill-2022, il-Kummissjoni għandha toħroġ rapport dwar l-implementazzjoni tal-Faċilità. Dak ir-rapport għandu jiprovd informazzjoni dwar il-livell ta' implementazzjoni tal-Faċilità fir-rigward tal-objettivi, il-kondizzjonijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha."

Kif spjegat hawn taħt, il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità kienet soġġetta għat-tlestitja ta' għadd ta' passi preparatorji inkluż: l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament (ara l-punt2.1.1), id-delega tal-implementazzjoni tal-Faċilità lis-CINEA (ara l-punt2.1.2), l-iffirmar tal-ftehim amministrattiv mas-sieħeb finanzjarju (ara l-punt2.1.3) u l-istabbiliment tal-appoġġ konsultattiv taħt iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU (ara l-punt2.1.4). Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti kienet soġġetta għall-adozzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' Pjanijiet territorjali għal tranżizzjonijiet ġusti, peress li dawn il-pjanijiet huma meħtieġa għall-applikanti potenzjali biex jidtentifikaw proġetti rilevanti u jissottomettu l-proposti tagħhom.

Fis-16 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat l-ewwel programmi tal-Fond għal Tranżizzjoni ġusta u l-Pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta relatati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027⁴. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tipproċedi bil-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità fid-19 ta' Lulju 2022 bl-ewwel skadenza għas-sottomissjoni sseħħ fid-19 ta' Ottubru 2022.

Għalhekk, l-implementazzjoni tal-Faċilità għadha kif bdiet u hemm biss elementi limitati li għandhom jiġu rrapporġati.

Għalhekk, dan l-ewwel rapport se jiffoka fuq id-deskrizzjoni tal-passi preparatorji ewlenin li wasslu għall-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-proposti u l-karatteristiċi tas-sejħa.

Sabiex f'dan ir-rapport jiġu inklużi elementi relatati mal-implementazzjoni attwali tal-Faċilità, ġie deċiż li dan ir-rapport jiġi ffinalizzat u jinħareġ biss wara l-ewwel skadenza għas-sottomissjoni, u għalhekk ftit dewmien meta mqabbel mal-iskadenza regolatorja stabbilita fir-Regolament PSLF.

2. RAPPORT DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-FAĊILITÀ

2.1. Tħejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità

2.1.1. Adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament

Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament PSLF (*Programmi ta' Ħidma*), il-Faċilità għandha tiġi implementata permezz ta' programmi ta' ħidma stabbiliti skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju u adottati permezz ta' atti ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni skont il-proċedura ta' komitoloġija.

Id-deċiżjoni ta' finanzjament inkluż il-programm ta' ħidma pluriennali għall-Faċilità għall-perjodu 2021-2025 irċeviet opinjoni pożittiva mill-Kumitat għall-Fondi tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni fis-6 ta' Mejju 2022⁵ u ġiet adottata fis-17 ta' Ġunju 2022.

Id-deċiżjoni ta' finanzjament inkluż il-programm ta' ħidma pluriennali hija disponibbli għall-pubbliku:

- fuq is-sit web tal-Kummissjoni għall-Politika ta' Koejjeni: [Pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament u l-Programm ta' Ħidma Annwali - DGE REGIO - Politika Regionale - Kommissione Europea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/eurostat-annexes/2022/2022-06-06_en.pdf)

⁴ [Il-Politika ta' Koejjeni tal-UE:EUR 1.63 biljun għal tranżizzjoni ġusta tal-klima u l-enerġija fil-Greċja - Politika Regionale - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/eurostat-annexes/2022/2022-06-06_en.pdf)

⁵ [Reġistru tal-Komitoloġija \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/eurostat-annexes/2022/2022-06-06_en.pdf)

- fuq il- “portal Funding &Tenders”, il-punt tad-dħul għall-parteċipanti fil-programmi ta’ finanzjament mill-Kummissjoni Ewropea: [2022 public loan facility annex.pdf \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2022/public_loan_facility_annex.pdf)

2.1.2. Delegazzjoni tal-implementazzjoni tal-Faċilità lis-CINEA

Il-ġestjoni tal-Faċilità ġiet iddelegata⁶ mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Regionali u Urbana (DĠ REGIO) lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Infrastruttura Klimatika u l-Ambjent (CINEA)⁷ u l-qsim finali tal-kompli tiegħi miftehem permezz ta’ Memorandum ta’ Qbil iffirmat fil-5 ta’ Settembru 2022.

Is-CINEA hija responsabbi għall-implementazzjoni ta’ kompli speċifiċi li jikkonċernaw l-għoti ta’ ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni u l-implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti mdaħħla fil-bagħi tal-Unjoni, taħt is-superviżjoni tad-DĠ REGIO li jaġixxi bħala d-DĠ prinċipali. Id-DĠ REGIO jibqa’ responsabbi mill-aspetti ta’ politika u l-għażla finali tal-proġetti li għandhom jiġu appoġġati mill-Faċilità.

2.1.3. Ftehim amministrattiv mas-sieħeb finanzjarju (Bank Ewropew tal-Investment)

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament PSLF (*Ftehim amministrattiv*), il-Kummissjoni u s-sieħeb finanzjarju għandhom jiffirmaw ftehim amministrattiv, qabel l-implementazzjoni tal-Faċilità.

Wara negozjati mal-Bank Ewropew tal-Investment, il-ftehim amministrattiv bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Settembru 2022.

2.1.4. Appoġġ ta’ konsulenza taħt iċ-Ċentru ta’ Konsulenza InvestEU

Skont l-Artikolu 3 (*Objettivi*) u l-Artikolu 13 (*Servizzi ta’ appoġġ konsultattiv*) tar-Regolament PSLF, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ konsultattiv (għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta’ proġetti eliġibbli) u jiġi implementat f’ġestjoni indiretta, f’konformità mar-regoli u l-metodi ta’ implementazzjoni għaċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU.

Sa EUR 35 miljun għandhom jiġu pprovduti għal attivitajiet ta’ appoġġ konsultattiv, li minnhom mill-inqas EUR 10 miljun għandhom jappoġġaw il-kapaċitā amministrattiva tal-benefiċjarji, b’mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati.

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment fl-4 ta’ Marzu 2022⁸ iffirmaw ftehim konsultattiv fir-rigward tal-attivitajiet konsultattivi u l-appoġġ operazzjonali li għandhom jiġu implementati mill-Bank Ewropew tal-Investment taħt iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU fil-perjodu 2021-2024.

Dan il-ftehim jagħti dettalji u jimplimenta l-appoġġ konsultattiv fir-rigward tal-Faċilità. Fil-prattika, l-appoġġ konsultattiv jista’ jintalab mill-benefiċjarji potenzjali permezz tal-punt tad-dħul ċentrali taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU⁹.

Id-disponibbiltà tal-appoġġ konsultattiv tqassmet b’mod wiesa’ bħala parti mill-attivitajiet ta’ komunikazzjoni li jappoġġaw il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità.

Sa miż-żmien tal-abbozzar ta’ dan ir-rapport, ma kien hemm l-ebda talba għal appoġġ. Madankollu, il-Bank Ewropew tal-Investment ilu jaġhti pariri lill-benefiċjarji potenzjali fir-rigward ta’ proġetti

⁶ Id-Deċiżjoni ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta’ Frar 2021

⁷ [Faċilità ta’ self għas-settur pubbliku fuq is-sit web tas-CINEA](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2022/public_loan_facility_annex.pdf)

⁸ [Il-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp tal-BEI jiffirmaw ftehimiet InvestEU li jiżblukkaw biljuni għall-investiment madwar l-Unjoni Ewropea](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2022/public_loan_facility_annex.pdf)

⁹ [Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU \(europa.eu\).](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2022/public_loan_facility_annex.pdf)

potenzjali taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta permezz ta' JASPERS¹⁰, Appoġġ Konsultattiv tal-Proġetti u Servizzi ta' Konsulenza.

2.1.5. *Prinċipji orizzontali*

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament PSLF (*Prinċipji orizzontali*), il-konformità mal-prinċipji orizzontali għandha tiġi żgurata meta tiġi implementata l-Faċilità.

Dan ġie rifless b'modi differenti fid-dokumentazzjoni, f'konformità mal-prattiki tal-Kummissjoni. Il-konformità mal-prinċipji orizzontali ġiet inkluża fit-test tas-sejħa għall-proposti bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà u bħala parti mill-kriterji tal-aġġudikazzjoni. Konsegwentement, il-mudell tal-formola tal-applikazzjoni jinkludi mistoqsijiet iddedikati dwar il-konformità ma' dawn il-prinċipji.

Barra minn hekk, skont ir-regoli, il-politiki u l-proċeduri tiegħu stess, il-Bank Ewropew tal-Investiment jinkludi wkoll il-konformità ma' dawn il-prinċipji fil-valutazzjoni tiegħu tas-self li għandu jiġi pprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

2.2. Il-bidu tal-implementazzjoni tal-Faċilità

2.2.1. *L-istabbiliment tal-parametri għall-implementazzjoni tal-Faċilità*

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament PSLF (*Disponibbiltà tar-riżorsi*), it-total tal-għotjiet allokati lil proġetti eliġibbli fi Stat Membru partikolari skont is-sejħa għall-proposti ppubblikata mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 ma għandux jaqbeż is-sehem nazzjonali korrispondenti allokati lil tali Stat Membru. Dawn l-ishma nazzjonali huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u fid-deċiżjoni ta' finanzjament inkluż il-programm ta' ħidma pluriennali.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-implementazzjoni tal-Faċilità bl-ewwel sejħa pluriennali għall-proposti. Din is-sejħa għall-proposti se tkun l-unika waħda ppubblikata biex tkopri l-perjodu 2022–2025. Is-sehem nazzjonali kollu ta' kull Stat Membru se jkun disponibbli taħt din l-ewwel sejħa pluriennali għall-proposti.

Il-Kummissjoni se tippubblika t-tieni sejħa pluriennali għall-proposti biex tkopri l-perjodu 2026–2027. Din it-tieni sejħa għall-proposti se jkollha baġit li jikkonsisti fi kwalunkwe ammont li jibqa' disponibbli taħt kull sehem nazzjonali fi tmiem l-ewwel sejħa għall-proposti u se tagħti għotjiet fuq bażi kompetittiva fil-livell tal-Unjoni.

2.2.2. *Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità*

Peress li l-aċċess għall-finanzjament taħt il-Faċilità huwa kundizzjonal għall-eżistenza ta' Pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta approvat, ġie deċiż li l-ewwel sejħa għal proposti tiġi ppubblikata biss wara l-adozzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' pjanijjiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta.

Fis-16 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat l-ewwel programmi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta relatati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

Dan ippermetta lill-Kummissjoni tiproċedi bil-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti taħt il-Faċilità fid-19 ta' Lulju 2022. L-ewwel skadenza għas-sottomissjoni seħħet fid-19 ta' Ottubru

¹⁰ Inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni/BEI li tiprovd servizzi ta' konsulenza ([Dwar JASPERS \(eib.org\)](https://www.eib.org))

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

2022, u se tkun segwita minn tliet skadenzi għas-sottomissjoni għal kull sena kalendarja (f'Jannar, April u Settembru 2023, 2024 u 2025), kif spjegat fit-tabella ta' hawn taħt.

Skeda ta' żmien u skadenzi (indikattiva)					
Ftuħ tas-sejħa:	19 ta' Lulju 2022				
	I-1 st data limitu	I-2 nd data limitu	I-3 rd data limitu	I-4 th data limitu	I-5 th data limitu
<u>Skadenza għas-sottomissjoni:</u>	<u>19 ta' Ottubru 2022 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>19 ta' Jannar 2023 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>19 ta' April 2023 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>20 ta' Settembru 2023 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>17 ta' Jannar 2024 17:00 CET (Brussell)</u>
Evalwazzjoni:	Ottubru 2022-Jannar 2023	Jannar-April 2023	April 2023-Lulju 2023	Settembru-Diċembru 2023	Jannar-April 2024
Informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati:	Jannar 2023	April 2023	Lulju 2023	Diċembru 2023	April 2024
Firma tal-GA:	April 2023-Ġunju 2024	Ġunju 2023-Settembru 2024	Ottubru 2023-Diċembru 2024	Marzu 2024-April 2025	Ġunju 2024-Settembru 2025

	is-6 th data limitu	is-7 ^a data limitu	it-8 th data limitu	id-9 ^a data limitu	I-10 th data limitu
<u>Skadenza għas-sottomissjoni:</u>	<u>17 ta' April 2024 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>19 ta' Settembru 2024 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>16 ta' Jannar 2025 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>15 ta' April 2025 17:00 CET (Brussell)</u>	<u>11 ta' Settembru 2025 17:00 CET (Brussell)</u>
Evalwazzjoni:	April 2024-Lulju 2024	Settembru-Diċembru 2024	Jannar-April 2025	April 2025-Lulju 2025	Settembru-Diċembru 2025
Informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati:	Lulju 2024	Diċembru 2024	April 2025	Lulju 2025	Diċembru 2025
Firma tal-GA:	Ottubru 2024-Diċembru 2025	Marzu 2025-April 2026	Ġunju 2025-Settembru 2026	Ottubru 2025-Diċembru 2026	Marzu 2026-April 2027

Wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa, ġew adottati Pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta addizzjonali. Fiż-żmien tal-ewwel skadenz għas-sottomissjoni, ġew adottati 16-il Pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta għat-territorji li jinsabu fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, f'Ċipru, fl-Estonja, fi Franzja, fil-Ġermanja, fil-Greċja u fl-Iż-zevja.

B'kollox, madwar 70 Pjan territorjali ta' tranżizzjoni ġusta huma mistennija li jiġu adottati sal-ewwel kwart tal-2023¹².

2.2.3. Disponibbiltà tas-sejħa għal proposti u attivitajiet ta' komunikazzjoni inizjali

Is-sejħa għall-proposti hija ppubblikata u aċċessibbli fuq il-portal tal-Kummissjoni għall-Finanzjament u l-Offerti¹³. Tista' ssib ukoll informazzjoni mill-applikanti potenzzjali fuq il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni ġusta¹⁴ u fuq is-sit web tas-CINEA¹⁵. Il-pubblikazzjoni tal-ewwel

¹² Għal mappa aġġornata b'aċċess għat-TJTPs adottati: [Inforegio - Fond għal Tranżizzjoni ġusta \(europa.eu\)](http://Inforegio - Fond għal Tranżizzjoni ġusta (europa.eu))

¹³ Finanzjament u offerti (europa.eu)

¹⁴ Pjattaforma għal Tranżizzjoni ġusta - Politika Reġjonali - Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

¹⁵ CINEA - Oqsma ta' Investimenti (europa.eu)

sejħa għal proposti taħt il-Faċilità ġiet disseminata wkoll b'mezzi tas-soltu oħra (ara t-Taqsima 3.2) inkluż fi stqarrija għall-istampa konġunta bejn il-Kummissjoni u l-BEI u l-midja soċjali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, is-CINEA u l-Bank Ewropew tal-Investiment organizzaw “Jum ta’ Informazzjoni” apposta fl-14 ta’ Settembru 2022. Matul dan l-avveniment, l-aspetti tal-politika tal-Faċilità u l-proċeduri biex tintalab għotja mill-Kummissjoni u self mill-Bank Ewropew tal-Investiment ġew spjegati fid-dettall u l-mistoqsjiet tal-applikanti potenzjali ġew imwieġba. L-avveniment ġie rreġistrat u l-link għar-replay huwa disponibbli għal kwalunkwe applikant potenzjali fuq il-paġna web tal-Faċilità tas-sit web tas-CINEA¹⁶.

Ġiet organizzata wkoll sessjoni ddedikata dwar l-appoġġ konsultattiv disponibbli (inkluż fir-rigward tal-Faċilità) taħt iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU.

Żewġ sessjonijiet ta’ informazzjoni ddedikati oħra saru fl-21 ta’ Settembru 2022 fi ħdan il-Ğimħha Sostenibbli tal-Enerġija tal-UE u fl-11 ta’ Ottubru 2022 fi ħdan il-Ğimħha Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet.

Flimkien attendew madwar 300 parteċipant għal dawn is-sessjonijiet.

2.3. Riżultati wara l-ewwel skadensa għas-sottomissjoni

L-ewwel skadensa għas-sottomissjoni kienet fid-19 ta’ Ottubru 2022; waslu tliet applikazzjonijiet, li waħda minnhom hija ammissibbli/eligible u għaddejja mill-proċess ta’ evalwazzjoni.

Dan l-għadd baxx kien mistenni peress li (i) kien ġie adottat biss għadd limitat ta’ Pjanijiet territorjali ta’ tranżizzjoni ġusta, peress li hija prekundizzjoni (jiġifieri kundizzjoni ta’ eliġibbiltà) biex tiġi ppreżentata proposta u (ii) l-applikanti potenzjali jeħtieġu ż-żmien biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-Faċilità u jħejju l-proposti.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tqajjem kuxjenza madwar il-Faċilità għall-iskadenzi tas-sottomissjoni li jmiss sabiex jiżdied l-għadd ta’ applikazzjonijiet.

3. ATTIVITAJIET TAL-KOMUNIKAZZJONI

3.1. Ftehim amministrattiv mas-sieħeb finanzjarju (Bank Ewropew tal-Investiment)

Wara l-iffirmar tal-ftehim amministrattiv mal-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Kummissjoni¹⁷ u l-BEI¹⁸ ħarġu stqarrijiet għall-istampa.

3.2. Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħiet għall-proposti

¹⁶ [JTM 2022 Jum ta’ Informazzjoni dwar is-Sejħa PSLF \(europa.eu\)](#)

¹⁷ https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/news/2022/09/09-07-2022-commission-and-european-investment-bank-unlock-up-to-eur10-billion-to-support-public-investments-in-the-territories-in-transition-towards-a-climate-neutral-economy

¹⁸ <https://www.eib.org/en/press/all/2022-346-just-transition-eib-to-provide-up-to-eur10-billion-in-support-of-regions-most-affected-by-the-shift-away-from-fossil-fuels>

Il-Kummissjoni żgurat sforz wiesa' ta' komunikazzjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti billi ħarġet stqarrijiet għall-istampa mis-servizzi tal-Kummissjoni¹⁹ u mis-CINEA²⁰ u inkludiet aħbarijiet ta' kuljum dwar ir-rokna tal-istampa tal-Kummissjoni²¹.

Il-messaġġi bil-vidjo ġew ir-reġistrati kemm mill-Kummissarju responsabbi għall-Politika Regionali u Urbana²² kif ukoll mill-Viċi President tal-Bank Ewropew tal-Investiment²³.

3.3. Mistoqsijiet frekwenti (FAQs)

Il-mistoqsijiet imqajma matul l-avvenimenti ta' komunikazzjoni jiġu ppubblikati fuq is-sit web tas-CINEA bħala referenza għall-partċipanti. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll madwar 40 FAQs magħżula fuq il-portal Funding & Tenders.

Inħolqot kaxxa postali funzjonali apposta mis-CINEA biex twieġeb aktar mistoqsijiet li jidħlu ta' beneficijari potenzjali.

3.4. avvenimenti ta' komunikazzjoni fl-2022

10 ta' Mejju 2022: Sessjoni matul il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ģusta²⁴

14 ta' Settembru 2022: Jum ta' Informazzjoni organizzat mis-CINEA, il-Kummissjoni u l-BEI²⁵

21 ta' Settembru 2022: Sessjoni matul il-Ġimgħa Ewropea għall-Enerġija Sostenibbli (programm estiż)²⁶

11 ta' Ottubru 2022: Sessjoni matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet²⁷

8-11 ta' Novembru 2022: Laqgħat “Wieħed għal UE” matul l-avveniment Ecomondo²⁸

Ġew organizzati wkoll sessjonijiet apposta fuq talba mill-Istati Membri (is-Slovenja f'Marzu u Franzia f'Ottubru).

4. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti wara kull skadenza għas-sottomissjoni f'kooperazzjoni mas-CINEA (ara t-tabella fil-punt 2.2.2.).

¹⁹ https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/news/2022/07/19-07-2022-commission-publishes-the-first-call-for-proposals-for-a-public-sector-loan-facility

²⁰ https://cinea.ec.europa.eu/news-events/news/just-transition-mechanism-european-commission-publishes-first-calls-proposals-public-sector-loan-2022-07-19_mt

²¹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/mex_22_4612

²² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/SPEECH_22_4621 - <https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-228334?lg=EN>

²³ <https://drive.google.com/file/d/1TR4M9jojHWmfw4BLIeTEqfEXAg46cmnP/view?usp=sharing>

²⁴ [Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta - Politika Regionali - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

²⁵ [JTM PSLF Jum ta' Informazzjoni dwar is-Sejħa 2022 — Servizz ta' Streaming tal-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

²⁶ [EUSEW:Kif tista' tagħmel użu mill-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta \(europa.eu\)](#)

²⁷ [EWRC:Kif tista' tagħmel użu mill-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta L-avveniment Ecomondo għat-tranżizzjoni ekoloġika — Ecomondo 2022](#)

Il-Kummissjoni f'koordinazzjoni mas-CINEA u l-Bank Ewropew tal-Investiment se tkompli tqajjem kuxjenza dwar il-Faċilità sabiex tippromwoviha u turi l-potenzjal tagħha. Dan se jsir billi, fost l-oħrajn, jiġu organizzati laqgħat bilaterali mal-Istati Membri u r-reġjuni bi Pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta, jitħej jew preżentazzjonijiet dedikati għall-kumitati ta' monitoraġġ rilevanti tal-Kummissjoni u jipparteċipaw f'avvenimenti rilevanti, li jagħtu opportunità li tīġi ppreżentata l-Faċilità. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni se tieħu kwalunkwe opportunità biex tippromwovi l-Faċilità u tilħaq udjenza wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati potenzjalment interessati.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se torganizza jiem ta' informazzjoni marbuta mad-dati ta' skadenza tal-2023.